

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.7.2007
KUMM(2007) 383 finali

2007/0132 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-miżuri li għandha twettaq il-Kummissjoni, għall-perjodu 2008-2013, bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2066/2003/KE tirrigwarda, fost l-oħrajn, il-proġett pilota li japplika tekniċi ta' telerilevament (*remote sensing*) għall-monitoraġġ tas-swieq agrikoli għall-perjodu 2003-2007. Permezz ta' l-esperjenza miksuba matul dan il-perjodu, saret operazzjonali s-sistema agrometeoroloġika għat-tbassir tal-ħsad u għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' l-artijiet u ta' l-uċuħ tar-raba'. Barra minn hekk, it-telerilevament wera li joffri risposta adattata għall-ħtiġijiet tat-tmexxija tal-politika agrikola komuni, kif ukoll li l-ħtiġijiet identifikati ma setgħux jintlaħqu permezz tas-sistemi tradizzjonali ta' l-istatistika u t-tbassir agrikoli.

Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni għat-tkomplija tal-miżuri operazzjonali b'finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-miżuri li għandha twettaq il-Kummissjoni, għall-perjodu 2008-2013, bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppatti fil-qafas tal-politika agrikola komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 33 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-politika agrikola komuni (PAK) għandha tqis il-karattru partikolari ta' l-attività agrikola, li titnissel mill-istruttura soċjali ta' l-agrikoltura u mid-disparità strutturali u naturali ta' bejn id-diversi reġjuni agrikoli. F'dan il-kuntest hemm ħtieġa sinifikanti ta' informazzjoni dwar il-kundizzjoni ta' l-artijiet u ta' l-uċuħ tar-raba', partikolarment għat-tmexxija ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS). L-applikazzjonijiet ta' telerilevament jistgħu jipprovdu parti mill-informazzjoni meħtieġa għal dan il-għan, dejjem jekk jistgħu jkopru ż-żoni kollha ta' interess għat-tmexxija tas-swieq agrikoli.
- (2) Permezz ta' l-esperjenza miksuba matul il-perjodu 2004-2007 fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1445/2000/KE tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-applikazzjoni ta' sħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' *remote sensing* għall-istatistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003³ kif emendata, kif ukoll tad-Deċiżjonijiet li ġew qabilha⁴, is-sistema agrometeoroloġika għat-tbassir tal-ħsad u għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' l-artijiet u ta' l-uċuħ tar-raba' saret operazzjonali, laħqet livell avvanzat ta' żvilupp u wriet l-effiċjenza tagħha.
- (3) Barra minn hekk, it-telerilevament wera li joffri risposta adattata għall-ħtiġijiet tat-tmexxija tal-PAK, kif ukoll li l-ħtiġijiet identifikati ma setgħux jintlaħqu permezz tas-sistemi tradizzjonali ta' l-istatistika u t-tbassir agrikoli. It-telerilevament wassal ukoll għal aktar preċiżjoni, oġġettività, veloċità u frekwenza fl-osservazzjonijiet li jsiru, filwaqt li kompli jorqom il-mudelli tat-tbassir agrikolu, b'mod partikolari billi daħħal

¹ ĠU C ..., ta' ... , p.

² ĠU C ..., ta' ... , p.

³ ĠU L 163, 4.7.2000, p. 1. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).

⁴ B'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/503/KEE (ĠU L 273, 5.10.1988, p. 12).

mudelli msejsa fuq ir-reġjuni. Fl-aħħar nett, it-telerilevament ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet speċifiċi jew komplimentari għall-istabbilment u għall-ġbir ta' statistiċi agrikoli, u għab miegħu tnaqqis fl-ispejjeż marbutin mal-monitoraġġ u mal-kontroll tan-nefqa agrikola. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jeħtieġ li jsir provvediment għat-tkomplija ta' dawn l-applikazzjonijiet b'finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) għall-perjodu 2008-13, skond l-Artikolu 3(2)(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunji 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni⁵.

- (4) B'danakollu, jeħtieġ li jkunu addattati u organizzati mill-ġdid ir-regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni fil-qafas tal-politika agrikola komuni, bl-użu tat-telerilevament. Barra minn hekk, il-miżuri operazzjonali li jsiru fil-kuntest ta' din is-sistema għandhom ikunu sseparati minn dawk li jeħtieġu aktar riċerka u żvilupp. Għaldaqstant, għandu jsir provvediment separat għal dawn il-miżuri fil-programm ta' qafas għar-riċerka u l-iżvilupp.
- (5) Għandu jkun provdut ukoll li l-informazzjoni u l-istimi li joħorġu minn dawn il-miżuri, miżmuma mill-Kummissjoni, ikunu disponibbli għall-Istat Membri, kif ukoll li jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport proviżjonali u rapport finali dwar il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' telerilevament li jkunu saru, u dwar l-użu tar-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport finali għandu jkun akkumpanjat bi proposta biex jitkomplew dawn il-miżuri wara l-perjodu stipulat f'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem, għal perjodu ta' sitt snin, il-miżuri li twettaq il-Kummissjoni bl-użu ta' applikazzjonijiet ta' telerilevament fil-qafas tal-politika agrikola komuni jistgħu jkunu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, skond l-Artikolu 3(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, fejn ikollhom l-għan li jipprovdu lill-Kummissjoni bil-mezzi biex:
 - a) tmexxi s-swieq agrikoli;
 - b) tiżgura l-monitoraġġ agroekonomiku ta' l-artijiet agrikoli u tal-kundizzjoni ta' l-uċuħ tar-raba', b'mod li jistgħu jsiru stimi, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħsad u mal-produzzjoni agrikola;
 - c) tħeġġeġ l-aċċess għall-informazzjoni msemija fil-punt b);
 - d) tiżgura s-segwitu teknoloġiku tas-sistema agrometeoroloġika.

⁵ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 378/2007 (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

2. B'mod partikolari, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 huma dawn li ġejjin:
- a) il-ġbir jew ix-xiri ta' l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, partikolarment id-dejta miksuba permezz tas-satellita u d-dejta meteoroloġika;
 - b) il-ħolqien ta' infrastruttura ta' dejta spazjali u websajt;
 - c) studji speċifiċi fuq il-kundizzjonijiet tal-klima;
 - d) l-aġġornament tal-mudelli agrometeoroloġiċi u ekonometriċi.
- Fejn meħtieġ, dawn il-miżuri għandhom isiru f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-laboratorji u l-korpi nazzjonali.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni u l-istimi li jirriżultaw mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) elettronikament disponibbli għall-Istati Membri.

Artikolu 3

Għandhom jiġu adottati regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, partikolarment f'dak li jirrigwarda t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' l-informazzjoni u l-istimi msemmija f'dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2010 u l-31 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' telerilevament li jkunu saru, u dwar l-użu tar-riżorsi finanzjarji li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni skond dan ir-Regolament. Jekk meħtieġ, it-tieni rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jitkomplew dawn il-miżuri fil-qafas tal-politika agrikola komuni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA					
1. IL-LINJA TAL-BAĠIT: 05 08 03 – L-irristrutturar tas-sistemi ta' stħarriġ agrikolu					APPROPRJAZZJONIJIET (2007): EUR 1.78 miljun f'AI EUR 4.03 miljun f'AH
2. L-INTESTATURA TAL-MIŻURA: Ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-miżuri li għandha twettaq il-Kummissjoni, għall-perjodu 2008-2013, bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni.					
3. BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 37 tat-Trattat tal-KE.					
4. GĦANIJIET: Li jinkisbu mezzi għat-tmexxija tas-swieq agrikoli, li jiġi żgurat il-monitoraġġ agroekonomiku ta' l-artijiet agrikoli u tal-kundizzjoni ta' l-uċuħ tar-raba', b'mod li jistgħu jsiru stimi, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħsad u mal-produzzjoni agrikola, u li jiġi żgurat is-segwitu teknoloġiku tas-sistema agrometeoroloġika.					
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	IS-SENA FINANZJARJ A KURRENTI 2007 (miljun EUR)	IS-SENA FINANZJARJA SUSSEGWENTI 2008 (APB) (miljun EUR)	IS-SENA FINANZJARJA 2009 (miljun EUR)	
5.0	SPEJJEŻ LI JITĦALLSU – MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET / INTERVENTI) – MILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI – MINN OĦRAJN	–	AI 1.90 AH 1.14	AI 1.46 AH 1.64	
5.1	DĦUL – RIŻORSI PROPRI TAL-KE (IMPOSTI/HLASIJET DOGANALI) – NAZZJONALI	–	–	–	
5.0.1	PREVIŻJONIJIET TA' L-INFIQ	2010 AI 1.46 AH 1.46	2011 AI 1.46 AH 1.46	2012 AI 1.46 AH 1.46	
5.1.1	PREVIŻJONIJIET TAD-DĦUL	–	–	–	
5.2 METODU TA' KALKOLU: –					
6.0	IL-FINANZJAMENT LI JISTA' JSIR SKOND KREDITI MNIŻŻLA FIL-KAPITOLU KKONĊERNAT TAL-BAĠIT LI QED JIĠI ESEGWIT				IVA LE
6.1	IL-FINANZJAMENT LI JISTA' JSIR PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT LI QED JIĠI ESEGWIT				IVA LE
6.2	JEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLIMENTARI				IVA LE
6.3	KREDITI LI GħANDHOM JITNIŻŻLU FIL-BAĠITS TAL-FUTUR				IVA LE
OSSERVAZZJONIJIET: Ma hemm l-ebda spiża amministrattiva addizzjonali ma' dawk tas-sitwazzjoni attwali.					